2026/632

16.4.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 304/2025

tal-5 ta' Diċembru 2025

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) u l-Anness XXII (Liġi tal-kumpanniji) tal-Ftehim ŻEE [2026/632]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li temenda ċerti Direttivi fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-punt ta' aċċess uniku Ewropew ([1]), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi IX u XXII tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-punti 13e (id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), 14 (id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 31bb (id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32023 L 2864**: Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024."

Artikolu 2

Il-punt 1 (id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32023 L 2864**: Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024."

2. Wara l-adattament (p) jiżdied l-adattament li ġej:

"(pa) Fl-Artikolu 304b, il-kliem 'mid-dritt tal-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'mill-Ftehim ŻEE'."

Artikolu 3

Il-punt 19b (id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32023 L 2864**: Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024."

([1]) ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2864/oj.

2. Wara l-adattament (l) jiżdied l-adattament li ġej:

"(la) Fl-Artikolu 128a, il-kliem 'mil-liġi tal-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'mill-Ftehim ŻEE'."

Artikolu 4

Il-punt 29d (id-Direttiva 2004/109/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32023 L 2864**: Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024."

2. Wara l-adattament (b) jiżdied l-adattament li ġej:

"(ba) Fl-Artikolu 23a, il-kliem 'mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali' għandu jiġu sostitwit bil-kliem 'mill-Ftehim ŻEE jew mil-liġi nazzjonali'."

Artikolu 5

Il-punt 30 (id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32023 L 2864**: Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024."

2. Wara l-adattament (c) jiżdied l-adattament li ġej:

"(ca) Fl-Artikolu 82B, il-kliem 'mil-liġi tal-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'mill-Ftehim ŻEE'."

Artikolu 6

Il-punt 31ba (id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32023 L 2864**: Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024."

2. Wara l-adattament (l) jiżdied l-adattament li ġej:

"(la) Fl-Artikolu 87a, il-kliem 'mil-liġi tal-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'mill-Ftehim ŻEE'."

Artikolu 7

Il-punt 31d (id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32023 L 2864**: Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024."

2. Wara l-adattament (b) jiżdied l-adattament li ġej:

"(c) Fl-Artikolu 63a, il-kliem 'mil-liġi tal-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'mill-Ftehim ŻEE'."

Artikolu 8

Il-punt 31ea (id-Direttiva 2002/87/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32023 L 2864**: Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024."

2. Wara l-adattament (b) jiżdied l-adattament li ġej:

"(c) Fl-Artikolu 30b, il-kliem 'mil-liġi tal-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'mill-Ftehim ŻEE'."

Artikolu 9

Il-punt 19d (id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. Jiżdied dan li ġej:

", kif emendat bi:

— **32023 L 2864**: Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024."

2. Wara l-adattament (e) jiżdied l-adattament li ġej:

"(ea) Fl-Artikolu 44a, il-kliem 'mil-liġi tal-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'mill-Ftehim ŻEE'."

Artikolu 10

Il-punt 31bj (id-Direttiva (UE) 2019/2162 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. Jiżdied dan li ġej:

", kif emendat bi:

— **32023 L 2864**: Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024."

2. Wara l-adattament (a) jiżdied l-adattament li ġej:

"(aa) Fl-Artikolu 26a, il-kliem 'mid-dritt tal-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'mill-Ftehim ŻEE'."

Artikolu 11

Fil-punt 10f (id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XXII tal-Ftehim ŻEE jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32023 L 2864**: Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024."

Artikolu 12

Il-punt 10i (id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XXII tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32023 L 2864**: Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024."

2. Wara l-adattament (a) jiżdied l-adattament li ġej:

"(aa) Fl-Artikolu 33a, il-kliem 'mil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali' għandu jiġu sostitwit bil-kliem 'mill-Ftehim ŻEE jew mil-liġi nazzjonali'."

Artikolu 13

Fil-punt 10d (id-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XXII tal-Ftehim ŻEE jiżdied dan li ġej:

"— **32023 L 2864**: Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Fl-Artikolu 16a, il-kliem 'mil-liġi tal-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'mill-Ftehim ŻEE'."

Artikolu 14

Il-punt 10g (id-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XXII tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32023 L 2864**: Id-Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2023/2864, 20.12.2023), kif ikkoreġuta permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024."

2. L-ewwel adattament huwa numerat (a).

3. Wara l-adattament (a) jiżdied l-adattament li ġej:

"(b) Fl-Artikolu 14c, il-kliem 'mil-liġi tal-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'mill-Ftehim ŻEE'."

Artikolu 15

It-test tad-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2023/2864, kif ikkoreġut permezz tal-ĠU L, 2024/90411, 15.7.2024, bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 16

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Diċembru 2025, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew dakinhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 70/2025 tal-14 ta' Marzu 2025 ([2]), jew dakinhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 303/2025 tal-5 ta' Diċembru 2025 ([3]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

(*) Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.
([2]) ĠU L, 2025/986, 12.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/986/oj.
([3]) ĠU L, 2026/610, 16.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/610/oj.

Artikolu 17

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Stefán Haukur JÓHANNESSON